IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 55

13 ta` Gunju 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u l-kwart ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 55.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Ma kienx hemm ittri ta` apologija

### 55.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 52(07) u tal-Laqgha Numru 53(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

17:25hr Is-Sur Eman Zerafa dahal fil-laqgha

17:30hr Is-Sur Anton Gellel dahal fil-laqgha

### 55.3 Korrispondenza

55.3.1 Mibghuta korrispondenza lill-Transport Malta dwar tabella li twahhlet mal-bus stop tal-Pjazza, fejn gie ndikat li l-Kunsill qed jaghti citazzjonijiet. Il-Kunsill cahad li qed jaghti citazzjonijiet u li lanqas qieghed igieghel lill-LESA taghmel dan.

55.3.2 Mibughta ittra mill-European Network of Holy Week and Easter Celebrations Project fejn il-Kunsill gie invitat sabiex niehdu sehem f`Forum li ser jigi organizzat f`Lucena, Spanja bejn il-11 u 12 ta` Settembru. Is-Sur Boxall propona li ghal dan il-forum ghandu jmur is-Sur Gorg Agius, membru fil-komunita tal-Muzew. Dawk prezenti qablu dwar dan.

55.3.3 Mibughta korrispondenza mill-Bord tal-Governanza, fejn il-Kunsill gie mistoqsi diversi mistoqsijiet x`wasal biex sar dan il-qtil tal-hamiem. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet ghal dawn il-mistoqsijiet.

55.3.4 Mibughta ittra lis-Sur Silvio Scerri, fejn il-Kunsill talab sabiex issir parkegg riservat ghar-residenti f`parti minn Triq San Lawrenz u dan ghal fatt li

hafna residenti mhux issibu jipparkjaw il-karozza taghhom minhabba li l-parkeggi jispiccaw jittiehdu mill-haddiema ta` ristoranti u tal-kumpaniji li hemm f`dik l-akwata. Ghal din it-talba,s-Sur Scerri nforma lill-Kunsill li ligi ma taghtihx poter li japprova talba bhal din.

55.3.5 Mibughta ittra lis-Sur Silvio Sceri dwar talba ghall-parkegg riservat ghar-residenti fuq iz-zona tal-Hawli u dan ghal fatt li r-residenti qed isibu problema kbira biex jipparkjaw minhabba l-fatt li qed jipparkjaw l-ghalliema ta` zewg skejjel li hemm fl-akwati.

55.3.6 Mibughta dokumenti kollha relatati mall-progett tal-bandli lis-Sinjura Rita Vella mill-PA, wara li l-Kunsill kellu laqgha mas-Sinjura Vella u s-Sur Frans Mallia. Il-Kunsill ha hsieb ukoll li jkellem lill-MCCAA sabiex tohog declaration letter minn naha taghhom. Din l-ittra giet mibughta wkoll lis-Sinjura Vella.

55.3.7 Mibughta ittra lis-Sur Donald Gouder mill-Lands Authority dwar caravans li qeghdin jitpoggew fiz-zona tal-Oil Tanking f`Salle Porte, fejn il-Kunsill talaba sabiex dawn il-caravans u xi affarijiet ohra li hemm jitnehhew fl-iqsar zmien possibli.

55.3.8 Giet prezentata ittra ta` no objection li ntbaghtet lis-Sur Martin Degiorgio dwar re-enactment li HRGM kellhu jaghmel fil-Birgu nhar is-7 ta` Gunju 2018 fil-pjazza tal-Belt Vittoriosa.

55.3.9 Prezentata ittra li giet mibughta mis-Sur Karl Borg dwar attivita li jixtieq itella` f`Couvre Porte nhar il-15 ta` Settembru 2018. L-ideja ta` din l-attivita hija li jingibu diversi street performers.

55.3.10 Prezentata ittra li l-Kunsill bghat lis-Sur Stephen Caruana, rapprezentat tal-LESA sabiex ikun prezenti waqt laqgha li saret il-hwienet dwar il-gbir tal-iskart.

55.3.11 Moqrija ittra li ntabghtet lill-Onorevoli Joe Mizzi dwar il-progett tal-qlugh tad-dawl fi Triq Hilda Tabone, u dan ghal fatt li xoghol mhux qed issir regolarment imma ftit ftit u lil-Kunsill qed tispicca tigi tiswieh il-flus ghax kull darba jrid javza lir-residenti bin-notifiki.

55.3.12 Giet prezentata ittra li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-approvazzjoni Ministerjali fuq il-gemellagg mall-belt ta` Vignanello fl-Italja.

55.3.13 Mibughta korrispondenza mis-Sezzjoni Zghazagh Palmizi sabiex jinghatlhom permess mill-Kunsill sabiex itellu *Wine Night* f`Couvre Porte nhar il-Gimgha 29 ta`Gunju 2018. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament u talab sabiex qabel l-attivita jsiru l-permessi mehtiega u kif ukoll jithalla depozitu ta` €150 f`kaz li ma jsirx it-tindif kif mehtieg wara l-attivita.

55.3.14 Mibughta korrispondenza mill-Ghaqda Piroteknika 10 ta` Awwissu sabiex jinghatlhom permess mill-Kunsill sabiex itellu tlett attivitajitet matul ix-xhur ta` Gunju u Awwissu f`Couvre Porte, Posta ta` Kastilja u fuq is-Simenta. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament u talab sabiex qabel l-attivita jsiru l-

permessi mehtiega u kif ukoll jithalla depozitu ta` €250 f`kaz li ma jsirx it-tindif kif mehtieg wara l-attivita.

55.3.15 Giet prezentata project partner declaration form li l-Kunsill iffirma dwar progett bl-isem DEPRAME taht il-programm Interreg.

55.3.16 Giet prezentata talba li saret mis-Sur Kenneth Bonnici dwar installazzjoni ta` tabelli tar-reklamar, fejn il-Kunsill approva li jsiru zewg tabelli biss ta` Xatt ir-Rizq.

55.3.17 Prezentata l-proposta li saret mis-Sur Matthew Kassar dwar self ta` zewg t`ikmamar ghall-uzu ta` Gallerija tal-Arti. Il-Kunsill wara li qara din il-proposta, hass li hemm xi affarijiet li ser jkunu difficli ghall-Kunsill.

55.3.18 Prezentati it-tlett kwotazzjonijiet tac-changeover panel, fejn il-Kunsill qabel unanimament li jmur ghall-irhas offerta.

55.3.19 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-printing tal-booklet "Four Walks" tal-Birgu. Il-Kunsill qabel li jmur ghall-10,000 kopja u ghall-irhas kwotazzjoni ta` €3,097.50. Parti minn din l-irhas kwotazzjoni (in-nofs) ser jithallas mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u nofs l-iehor mill-Vittoriosa Historical and Cultrual Society.

55.3.20 Prezentati l-kwotazzjonijiet tal-irhama li ser ssir fil-Berga ta` Franza. Il-Kunsill qabel li jmur ghall-irhas kwotazzjoni.

55.3.21 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet lill-President tal-European Walled Towns dwar il-programm li gie mhejji ghal waqt il-konferenza li ser ssir

f`Malta fejn l-Birgu ma nghatax importanza fil-programm. Rigward il-mizata li tithallas fis-sena, s-Sur John Boxall ssugeriexxa li din ghandna tithallas. Dawk prezenti qablu dwar dan.

**55.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

55.4.1 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-kawza li kien hemm fuq il-garaxx tal-Hawli kontra s-Socjeta Muzikali San Lawrenz inqatet kontra l-Kunsill. Is-Sur Boxall propona li l-Kunsill jappella ghal din id-decizjoni, wara li anke ha parir minghand l-avukat tal-Kunsill. Dawk prezenti qablu li l-Kunsill jappella.

Barra minn hekk is-Sindku propona li fil-bye law li qed jhejji l-avukat tal-Kunsill dwar kirijiet ta` postijiet li ghandu l-Kunsill, il-kirja tal-garaxx tkun ta` €6 kuljum, fejn dwar dan kien hemm qbil unanimu.

55.4.2 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li punclock gie installat u li ser jibda jintuza fil-gimgha li gejja. Zied jghid li minn ser jidhol kwarta tard ser tinghqatlu siegha leave.

55.4.3 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-kaz li kien hemm kontra s-Sinjura Tania Belfiore nqata` kontra l-Kunsill. Dwar dan is-Sindku spjega li huwa fil-pozizzjoni ta` Sindku ma jistax jaghti l-gudizzju tieghu fuq is-Segretarju Ezekuttiv meta dan mitlub mill-ligi biex issir. Ghalhekk is-Sur Boxall zied jghid li huwa jixtieq li japella ghal din is-sentenza. Dawk prezenti qablu dwar dan.

55.4.4 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li waqt is-seduta li kellu mall-Bord tal-Governanza gie mistoqsi diversi mistoqsijiet x`wassal biex il-Kunsill jasal ghal din id-decizjoni li jsir il-qtil tal-hamiem bl-airguns. Is-Sur John Boxall zied jghid li fil-jiem li gejjin ghandha tintbghat id-decizjoni tal-Bord.

55.4.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt il-laqgha li saret mall-Onorevoli Ministru Michael Falzon, giet diskus sabiex fil-Birgu ssir dar ghall-Anzjani. Il-Ministru fehem il-bzonn imma nforma lill-istess Kunsill li kienu ser jinfethu diversi djar ghall-anzjani fl-akwati tax-Xlokk ta` Malta. Is-Sur Boxall zied jghid li waqt din il-laqgha wkoll isemma` l-progett tal-lift fil-hub tal-anzjani fejn il-Ministru wera xewqa li ghinna u rrakomanda lill-Kunsill biex jikteb lill-Ministru tal-Finanzi biex nibbenifikaw mill-Good Causes Fund, fejn il-Kunsill diga` bghat it-talba tieghu.

55.4.6 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti li talba sabiex il-Kunsill jintaqa` mall-Eccelenza Taghha President ta` Malta nhar it-Tnejn 25 ta` Gunju 2018 giet milqugha.

**55.5 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

55.5.1 Is-Sur Anton Gellel staqsa jekk hux possibli li un/loading jizdied b`siegha ohra fil-Pjazza ghax ghal certu delivery men qed tkun problema ghalihom li jaghmlu deliveries sa` nofsinhar.

55.5.2 Is-Sur Trevor Mizzi qal li fi Triq San Anton qed jinhareg iz-zibel u kaxxi bil-frott mhux fil-hin li sippost jinhareg.

**55.6 Affarijiet Ohra**

55.6.1 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li xemghat ghall-attivita tal-Birgufest 2018 ser jigu sponsorjati minn diversi benifatturi. Barra minn hekk spjega wkoll li gie ghal darb`ohra rega` gie avvicinat mis-Sur Mikael Zarb sabiex itella` projection fi Triq it-Torri ta` San Gwann matul l-attivita tal-Birgu by Candlelight, fejn hemm somma ftit kbir biex jkun jista` jsir dan il-progett.

55.6.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li zewg artisti mill-Birgu diga` qed ihejju munument kull wiehed sabiex jigu mqeghda fil-Foss tal-Birgu.

55.6.3 Is-Sur John Boxall nforma lil dawk prezenti li l-agreement tax-Xatt ir-Rizq gie ffirmat.

55.6.4 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill li sar fix-xahar ta` Mejju 2018. Dan gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

55.6.5 Is-Sur John Boxall issugerriexa li fl-intrata ta` isfel tinfetah il-logga. Dawk prezenti qablu ma` dak propost.

**55.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4202 sa` BOV 4223 u cekk bin-numru HSBC 9724. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 1 ta` Gunju 2018 sa` 13 ta`Gunju 2018.

8:05pm Is-Sur Trevor Mizzi gie skuzat mill-laqgha.

**53.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8.15pm). Il-Laqgha giet aggornata nhar it-Tlieta 3 ta` Lulju 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum It-Tlieta 17 ta` Lulju 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |